MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Numru. 1229/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Charlot Zammit ta' 23 sena, iben Anthony u Annunziata nee` Agius, mwieled Pieta` nhar is-26.07.1989 u residenti fil-fond St. Anthony, Triq tal-Barrani, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita ` bin-numru 339789(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Fl-10 ta' Novembru 2012 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal ma` vettura bil-mutur sett pjanci li ma kienux inhargu mill-Awtoirita u jekk dawk il-pjanci ma kienux jirreferu jew japartjenu ghal dik il-vettura u cioe` billi wahhal sett pjanci DBA-573 fuq vettura tal-ghamla Kia Mentor minnflok il-pjanci tar-registrazzjoni bin-numru AAI-693.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenza mahruga mill-Awtorita` u mgedda kull sena, u cioe, saq vettura ta' ghamla Kia Mentor bin-numru tar-registrazzjoni originali AAI-639 li l-licenza tieghu kienet skaduta;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza jew gieghel jew halla persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-pesuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, u cioe saq vettura ta' l-ghamla Kia Mentor bin-numru tar-registrazzjoni AAI-639 li ma kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas li jgorr diska tal-licenza li ghandha titwahha fuq in-naha tax-xellug tal-windscreen b'mod li tidher minn quddiem fil-vettura ta' l-ghamla Kia Mentor bin-numru tar-registrazzjoni AAI-693 f'kull hin li tigi uzata, ipparkjata jaew xorta orha mizmuma f'xi hin f'post pubbliku;

5. U talli nqast li tinforma minnufih lill-Awtorita` u tghati lill-Awtorita c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura wara li vettura bil-mutur registrata tigi garaxxata, skrappjata, meqruda, zarmata, issirilha hsara li ma tissewwiex, tintilef jew titnehha b'mod permanenti minn Malta , u cioe nqast li tinforma lil Transport Malta wara li vettura ta' l-

ghamla Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni DBA-573 giet skrappjata.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputata fil-kors tal-investigazzjonijiet mill-pulizija u l-fedina penali nadifa tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 10, 13(1), 32(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, l-artikou 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijet ta' Malta u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal xmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------